MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2021

Appell Inferjuri Numru 84/2020 LM

**Clyde Mifsud (K.I. nru 173879M)**
*('ir-rikorrent')*

***vs.***

**Ferrara Limited (C 12543)**
*('l-intimata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Clyde Mifsud (K.I. nru 173879(M))** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-10 ta' Novembru, 2020, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru 3604, fejn iddeċieda li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà

intimata **Ferrara Limited (C 12543)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà intimata'] kienet waħda inġusta u għalhekk iddikjara li huwa kien:

> *"...qed jillikwida d-danni fis-somma ta' tliet elef, mija u sitta u ħamsin Euro (€3,156.0). It-Tribunal wasal għal din is-somma billi ħa l-paga inkluż* commission *li kien jaqla' r-rikorrent fix-xahar, minnha tnaqqset is-somma li jingħata bħala assistenza mill-Istat, inkluż il-pensjoni tal-invalidità u din inħadmet mid-data tat-terminazzjoni tas-6 ta' Frar 2018, id-data li dan it-Tribunal mill-provi rriżultalu li r-rikorrent kien ġie offrut impjieg alternattiv, liema mpjieg ġie rrifjutat. Din is-somma għandha titħallas fi żmien xahar mid-data tal-lum.".*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw it-tkeċċija allegatament inġusta tar-rikorrent minn mas-soċjetà intimata. Huwa kien ġie impjegat *full-time* magħha bħala *sales representative* fid-29 ta' Lulju, 2016[1] fuq kuntratt indefinit[2], li ġie mitmum fit-3 ta' Ottubru, 2017 mis-soċjetà intimata stess, allegatament minħabba li l-imsemmi appellat kien abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu.[3]

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fil-21 ta' Diċembru, 2017, permezz ta' rikors fejn talab sabiex l-imsemmi Tribunal (a) jiddikjara li t-tkeċċija tiegħu mix-xogħol kienet waħda inġusta; (b) jillikwida somma rappreżentanti danni riżultanti mit-tkeċċija inġusta tiegħu; (ċ) jagħtih l-ammonti

[1] Ara JS1, *a fol.* 25 fl-atti tat-Tribunal
[2] Ara Dok. AF1, *a fol.* 21.
[3] Ara JS1 *supra*.

kollha rappreżentanti *'commission fees'* li huwa ma kienx ingħata għax-xhur qabel it-tkeċċija tiegħu; u (d) jirrintegrah f'xogħlu filwaqt li jitħallas kumpens ġust.

4. Is-soċjetà intimata wieġbet fit-30 ta' Jannar, 2018 fejn eċċepiet li (a) kien ir-rikorrent li kien abbanduna x-xogħol tiegħu; (b) ir-rikorrent kien ingħata *warning,* iżda naqas li jirritorna lura għax-xogħol; (ċ) hija m'għandha l-ebda oġġezzjoni sabiex ir-rikorrent jirritorna lura għax-xogħol; u (d) it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; u dan bl-ispejjeż kontrih, li qalet li kien inġunt għas-subizzjoni.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. It-Tribunal imbagħad ikkonsidra u ddeċieda kif ġej:

*"KUNSIDERAZZJONIJIET*

*It-Tribunal irid jistabbilixxi jekk dak li allegatament sofra ir-rikorrenti u li jinkwadra mat-tmien ta' mpjieg huwiex effettivament ġustifikabbli.*

*Tenut kont ta' disa' fatturi mġjuba bi provi waqt is-smigħ tal-każ, ċioe:*

*Li r-rikorrent kien ingaġġat fuq bażi* full-time*, b'kuntratt indefinit bħala Sales Representative mid-29 ta' Lulju 2016 sat-3 ta' Ottubru 2017;*

*Li direttur minnhom qal li r-rikorrent għadu mniżżel bħala mpjegat mas-soċjetà u fuq il-*Job History *jidher li hu tterminat;*

*Li fl-affidavit ir-rikorrent jgħid li huwa kien itterminat u li kien informa lid-direttur tal-Kumpannija esponenti li ma kienx beħsiebu jaħdem notice u min-naħa l-kumpannija qed tgħid illi r-rikorrenti kien inagħta struzzjonijiet sabiex jaħdem ftit tal-ġranet ma' mpjegati oħra;*

*Li fil-bidu tal-kawża s-soċjetà għamlet offerta ta' mpjieg alternattiv lir-rikorrenti, liema mpjieg ġie rrifjutat;*

*Li mhux ċar mill-provi li r-rikorrenti tpoġġa fuq notice u li r-rikorrent stess waqt il-kontro-eżami ikkonferma li ma rritornax għax-xogħol għax iffastidja ruħhu bil-mod kif kellmuh;*

*Li r-rikorrenti ilu jbati minn kondizzjoni ta' OCD li tiggrava u titjieb perjodikament kif ikonferma l-psikjatra waqt ix-xhieda tiegħu, li qal ukoll li ilu jikkura r-rikorrenti għal dawn l-aħħar tmintax-il sena;*

*Li skont il-psikjatra stess it-tensjoni li ħolqitlu ċ-ċirkostanza preżenti żiditlu l-gravità tal-kundizzjoni tant li hu stess ta l-parir lir-rikorrent li mhux tajjeb biex jaħdem fil-preżent;*

*Li ma ġiex ippruvat li sar forma ta' proċess ta' dixxiplina u li s-soċjetà qed tgħid li meta ġibditlu l-attenzjoni li mhux iwettaq xogħlu kif suppost għamel dan verbalment u segwit dan billi riedet tibagħtlu persuna biex tassistih;*

*Li fil-ġurnata tat-3 ta' Ottubru meta r-rikorrenti ġie msejjaħ quddiem il-*management *u qal li gie tterminat, hija fil-fatt il-ġurnata mniżla mal-Jobsplus li gġie tterminat minkejja li s-socjetà qed tgħid mod ieħor ċioe li ma terminatux imma hu abbanduna x-xogħol.*

*DEĊIŻJONI*

*Dan it-Tribunal gie mitlub jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni tar-rikorrent kienitx ġusta jew le. Dan it-Tribunal jibda biex jgħid li saħaq diversi drabi biex meta soċjeta tiġi biex tittermina mpjegat għandu jkun hemm dikjarat u ċar proċess ta' dixxxiplina li jirrifletti ġustizzja fuq l-impjegat li jkun se jintemlu l-impjieg. Kuntarju għal dan, f'dan il-każ ma jidhirx li seħħ.*

*F'dan il-każ partikolari dan in-nuqqas ixekkel bil-bosta l-proċess ta' assessjar u t-Tribunal ikollu jistrieħ fuq provi li aktarx ikunu konfliġġenti. Jidher li r-rikorrent kien itterminat, għalkemm is-soċjetà tgħid li hija riedet tħeġġu jtejjeb l-operat billi tipprovdilu assistenza minn impjegat ieħor. Min-naħa tiegħu r-rikorrent jgħid li hu kien ġie offrut jibda n-notice u hu jgħid li rrifjuta jagħmel dan.*

*Fatt interessanti hu li s-soċjetà offriet impjieg alternattiv lir-rikorrent bejn wieħed u ieħor malli r-rikorrent intavola l-kawża. Għal dan it-Tribunal, dan il-fatt jitfa' dawl fuq is-sitwazzjoni li fil-verità huwa ġie tterminat. Minkejja kollox dan it-Tribunal mhux se juża dan l-agir bħala dgħjufija min-naħa tas-soċjetà u lanqas mhu se juża dan id-dettal kontra l-istess soċjetà. Anzi dan it-Tribunal huwa tal-fehma li s-soċjetà aġixxiet kif suppost u r-rikorrent kellu kull opportunità li jieħu din l-opportunità. Il-fatt li psikjatra tar-rikorrent sikwit qallu li fil-preżent ma kienx abbli għax-xogħol, ma*

*jnaqqasx mill-unuri li s-soċjetà ħarġet b'din l-offerta, anke jekk jista' jitqies li s-soċjetà kienet qed tipprova tirrimedja s-sitwazzjoni bl-għan li jiġi evitat dan il-proċess.*

*It-Tribunal qed jikkonsidra wkoll li r-rikorrent ma sofriex il-kundizzjoni preżenti bħala riżultat tat-terminazzjoni mill-impjieg imma diġà kien ilu jsofri minnha għal dawn l-aħħar tmintax-il sena. Minkejja dan ġie ppruvat li l-kundizzjoni ggravat wara t-terminazzjoni. Sew jekk il-kundizzjoni tiegħu kienet mistura u sew jekk le fil-bidu tal-ingaġġ tiegħu mas-soċjetà, dan it-Tribunal iħares lejn il-fatt li ġie offrut u fil-fatt inagħata dan l-impjieg bħala azzjoni minnha nfisha ġusta u ta' min wieħed jinnutaha. Jibqa' l-fatt li kif ġraw l-affarijiet r-rikorrent sofra intensifikazzjoni li rrenditu impjegabbli sal-preżent. Dan it-Tribunal mhux konvint li mhu se jirnexxielu jitjieb qatt u li mhux se jsib impjieg sad-data tal-irtirar, jiġifieri għas-27 sena li għad fadal. Tajjeb li t-Tribunal jgħid ukoll li ġaladarba din il-kundizzjoni tiegħu ilha fuqu tmintax-il sena u kien kapaċi jimpjega ruħhu fl-2016 mas-Soċjetà, mhu jara xejn diffkultuż li jerġa' jaħdem fil-futur, meta tqis ukoll li l-impjieg tiegħu huwa abbundanti fis-suq, dak bħala* salesman.*"*

## **<u>L-Appell</u>**

6. Ir-rikorrent ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-23 ta' Novembru, 2020, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal, filwaqt li tillikwida hi l-kumpens pagabbli lilu *ai termini* tal-proviso tal-para. (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452, jew tiddeċiedi li tibgħat l-atti odjerni lura lit-Tribunal sabiex dan jakkorda kumpens xieraq, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà intimata.

## **<u>Ir-Risposta tal-Appell u l-Appell Inċidentali</u>**

7. Is-soċjetà intimata tilqa' billi preliminarjament tissottometti li r-rikors tal-appell huwa null, stante li l-lanjanzi tar-rikorrent huma kollha msejsa fuq apprezzament ta' provi, u għalhekk għandu jiġi applikat il-*proviso* tas-

subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Fil-mertu, tgħid li l-ebda żieda mhija dovuta fl-ammont tal-kumpens, u għalhekk titlob lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell.

8. Is-soċjetà intimata għażlet li mat-tweġiba tagħha tintavola appell inċidentali, fejn titlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt ukoll li tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, u tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħha, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess rikorrent. Jidher li l-aggravju ewlieni tas-soċjetà intimata huwa li t-Tribunal interpreta ħażin id-definizzjoni ta' '*tkeċċija inġusta'* kif tinstab fil-Kap. 452.

9. Ir-rikorrent għażel li ma jweġibx.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Ġaladarba s-soċjetà intimata qiegħda tikkontendi li l-appell interpost mill-appellat ma jirrispettax id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, u għalhekk titlob li jiġi applikat il-*proviso* tal-istess subartikolu fir-rigward tal-appell odjern, din il-Qorti ser tibda billi tikkonsidra jekk għandhiex raġun.

11. Is-soċjetà intimata tirrileva li skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, appell minn deċiżjoni tat-Tribunal jista' jsir biss fuq punt ta' liġi, iżda fil-każ odjern l-appell qed isir fuq kwistjoni ta' fatt, stante li r-rikorrent qed jikkontesta l-*quantum* tal-kumpens u għalhekk l-appell tiegħu huwa inammissibbli. Hija tgħaddi sabiex tagħmel riferiment għal diversi sentenzi ta' din il-Qorti, kif

diversament ippreseduta[4], sabiex tissostanzja l-argument tagħha. Tispjega li l-aggravji miġjuba huma msejsa kollha kemm huma fuq konsiderazzjonijiet fattwali li mhumiex ċensurabbli minn din il-Qorti.

12. Il-Qorti tgħid li s-soċjetà intimata għandha raġun. Ir-rikorrent qed jikkontendi fir-rikors tal-appell tiegħu li t-Tribunal ma kkalkulax il-*quantum* tal-kumpens tajjeb għaliex naqas milli japplika l-fatturi li ssemmi l-liġi, u dan filwaqt li huwa jiċċita d-dispożizzjonijiet tal-para. (a) tas-subartikolu 81(2) tal-Kap. 452. Huwa jkompli l-argument tiegħu billi jfisser dawk il-fatti l-oħra li fil-fehma tiegħu t-Tribunal messu kkonsidra. Il-Qorti tirrileva li t-Tribunal jispjega sew dawk iċ-ċirkostanzi partikolari għar-rikorrent, u anki dak li ħa inkonsiderazzjoni meta llikwida l-kumpens dovut lir-rikorrent, u tgħid li ma jirriżultax li t-Tribunal naqas milli jsegwi d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu suriferit. Imma l-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent qed jikkontendi aktar minn hekk, u huwa proprju l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal li huwa qed iressaq quddiem din il-Qorti għall-konsiderazzjoni tagħha. Madankollu dan ma jistax jagħmlu għaliex is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 jippermetti biss appell minn punt ta' liġi, u evidentement dan mhux l-iskop tal-appell tiegħu għaliex is-sottomissjonijiet kollha huma fil-mertu.

13. Ġaladarba din il-Qorti qiegħda tiddikjara li l-appell odjern huwa inammissibbli, hija ma tistax tikkonsidra l-appell inċidentali tas-soċjetà intimata. Il-Qorti tirrileva li jekk l-istess soċjetà intimata għażlet li teċċepixxi li l-appell prinċipali huwa null u bla effett *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 u

[4] Kenneth Vella *vs.* Seabank Catering Co. Ltd, 23.05.2008; Kevin Mark Abela *vs.* S&A Quality Assurance Surveyors Ltd, 11.01.2006; Carmel Borg *vs.* Malta Public Transport Services (Operations) Ltd, 30.10.2019; Saviour Sammut *vs.* Auto Sales Limited, 19.10.2005;

din l-eċċezzjoni tagħha tintlaqa', il-pożizzjoni tagħha tkun waħda kontradittorja, u saħansitra l-Qorti tgħid impossibbli fejn hija tkun għażlet sabiex tappella b'mod inċidentali. Il-prinċipju *electa una via non datur recursus ad alteram* kif assodat fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, hawn tassew isib l-applikazzjoni tiegħu, għaliex is-soċjetà intimata ma tistax tikkontendi li l-appell prinċipali huwa null u bla effett u fl-istess ħin tistrieħ fuqu u tipprevalixxi minnu sabiex tintavola appell inċidentali.[5]

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddikjara li (a) l-appell prinċipali tar-rikorrent huwa rritu u null, u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu; (b) l-appell inċidentali tas-soċjetà intimata huwa wkoll null ġaladarba dak prinċipali ma jiswiex, u għalhekk mhijiex ser tieħu konjizzjoni tiegħu; u dan filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri tal-appell prinċipali għandhom ikunu a karigu tar-rikorrent, u dawk tal-appell inċidentali għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà intimata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[5] Ara App.Ċiv. 339/2010, V.Attard (Works) Ltd vs St. Michael School Company Ltd et, deċiż 09.11.12.